

32006R1447

L 271/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.9.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1447/2006**tad-29 ta' Settembru 2006****rigward l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid għas-Saccharomyces cerevisiae (Biosaf SC 47)
bħala addittiv fl-għalf****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fin-nutrimient ta' l-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprovdi għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutrimient ta' l-annimali u għall-bażi u l-proċeduri biex tingħata tali awtorizzazzjoni.
- (2) B'konformità ma' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, intbagħtet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni stipulata fl-Anness. Din l-applikazzjoni ġiet akkumpanjata mill-partikolaritajiet u d-dokumenti meħtieġa taħt l-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament.
- (3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni *Saccharomyces cerevisiae* (NCYC Sc 47) (Biosaf SC 47) bħala addittiv fl-għalf għall-ħrief għat-tismin, biex jiġu kklassifikati fil-kategorija ta' addittivi "addittivi żootekniki".
- (4) Il-metodu ta' analiżi inkluż fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 7(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tas-sustanza attiva ta' l-addittiv fl-għalf. Għalhekk il-metodu ta' analiżi msemmi fl-Anness tar-Regolament ma għandux jinftehem bħala l-metodu ta' analiżi tal-Komunità fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 11

tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex jiżguraw il-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u ta' ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli tal-benesseri ta' l-annimali ⁽²⁾.

- (5) L-użu tal-preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* (NCYC Sc 47) għie awtorizzat għall-baqar tal-ħalib mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1811/2005 ⁽³⁾ rigward l-awtorizzazzjoni proviżorja u permanenti ta' ċerti addittivi fl-għalf u l-awtorizzazzjoni proviżorja ta' użu ġdid ta' addittiv diġà awtorizzat fl-għalf, għall-baqar u barrin għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 316/2003 rigward l-awtorizzazzjoni permanenti ta' addittiv fl-għalf u l-awtorizzazzjoni proviżorja ta' użu ġdid ta' addittiv diġà awtorizzat fl-għalf ⁽⁴⁾, għall-ħnienes (miftuma) mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2148/2004 rigward l-awtorizzazzjoni proviżorja u permanenti ta' ċerti addittivi fl-għalf u l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' addittiv diġà awtorizzat fl-għalf ⁽⁵⁾, għall-ħnieżer nisa mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1288/2004 rigward l-awtorizzazzjoni permanenti ta' ċerti addittivi u l-awtorizzazzjoni proviżorja ta' użu ġdid ta' addittiv diġà awtorizzat fl-għalf ⁽⁶⁾ u għall-fniek għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 600/2005 rigward awtorizzazzjoni ġdida għal għaxar snin għall-*coccidiostat* bħala addittiv fl-għalf, l-awtorizzazzjoni proviżorja ta' addittiv u l-awtorizzazzjoni permanenti ta' ċerti addittivi fl-għalf ⁽⁷⁾. Data ġdida ġiet sottomessa b'appoġġ għal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-ħrief għat-tismin. Fil-valutazzjoni tagħha, l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà Alimentari ("l-Awtorità") tikkonkludi li s-sigurtà ta' dan l-organiżmu għall-konsumatur, l-utent u l-ambjent diġà ġiet stabbilita u mhux se tinbidel bl-użu ġdid propost. Tikkonkludi ulterjorment li l-użu tal-preparazzjoni ma jippreżentax riskju għal din il-kategorija ta' annimali addizzjonali u li l-użu ta' din il-preparazzjoni tista' ttejjeb iż-żieda medja ta' kuljum fil-piż fil-ħrief għat-tismin.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

⁽²⁾ ĠU L 165, 30.4.2004, kif korretta bil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 776/2006 (ĠU L 136, 24.5.2006, p. 3).

⁽³⁾ ĠU L 291, 5.11.2005, p. 12.

⁽⁴⁾ ĠU L 46, 20.2.2003, p. 15.

⁽⁵⁾ ĠU L 370, 17.12.2004, p. 24. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1980/2005 (ĠU L 318, 6.12.2005, p. 3).

⁽⁶⁾ ĠU L 243, 15.7.2004, p. 10. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1812/2005 (ĠU L 291, 5.11.2005, p. 18).

⁽⁷⁾ ĠU L 99, 19.4.2005, p. 5.

L-Awtorità ma tikkunsidrax li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq. Din l-opinjoni tivverifika wkoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi ta' l-addittivi fl-għalf, f'għalf sottomess mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Il-valutazzjoni ta' din il-preparazzjoni turi li l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ġew issodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tiffirma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi zootekniki" u mill-grupp funzjonali "stabilizzanti għall-batterja li jkun hemm fil-musrana", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni ta' l-annimali suġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Settembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni ta' l-addittiv	Isem ta' min għandu l-awtorizzazzjoni	Addittiv (Isem kummerċjali)	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija ta' addittivi żootekniki. Grupp funzjonali: stabilizzanti għall-batterja li jkun hemm fil-musrana.									
E 1702	LFA Lesaffre Feed Additives	<i>Saccharomyces cerevisiae</i> (NCYC Sc 47) (Biosaf Sc 47)	Kompożizzjoni ta' l-addittiv: <i>Saccharomyces cerevisiae</i> (NCYC Sc 47) Preparazzjoni li fiha minimu ta' 5×10^9 CFU/g ta' addittiv Metodi analitiċi ⁽¹⁾ Metodu għas-sustanzi dilwiti suċċessivi (pure plate method) b'estratt tal-ħmira tal-kloramfenikol agar bbażat fuq ISO 7954 Reazzjoni katina polimerase (PCR)	Ħrief għat-tismin	—	$1,4 \times 10^9$	$1,4 \times 10^{10}$	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-addittiv u t-taħlita preliminari, indika t-temperatura tal-ħżin, kemm jista' jidher il-ħżin, u l-istabbiltà għall-pelleting. (Stabli għall-gerbubi b'temperatura sa 83° C)	10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament

⁽¹⁾ Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz elettroniku li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità: www.irmm.jrc.be/html/crlfaa/